# Niftakar li ...



*Lino Borg*

**Kienet idea tajba li l-istatwa tal-Papa Ljun XIII tinġabar fil-Każin Marija Annunzjata u reġgħet rat id-dawl. Hija kontinwità li torbot l-antik mal-preżent.**

Il-Papa Ljun XIII ifakkarni f'meta sar l-ewwel marċ tal-aħħar jum tat-Tridu tal-festa tagħna fl-1946. Kienu ġabu l-istatwa fuq iz-zuntier tal-Knisja. Sar diskors minn patri fuq l-Enċiklika tal-ħaddiema, Rerum Novarum, u wara sar il-marċ, id-dawra tal-purċissjoni, mill-banda tal-Agħma ta' Birkirkara. L-istatwa tal-Papa akkumpanjat l-marċ u wara ttellgħet fuq il-pedestall. Kienu ġabuha Valent Chetcuti u Ġużeppi Calleja.




Dak iż-żmien il-festa kienet issir nhar it-Tieni Ħadd fuq l-Għid, Ħadd in-Nies. Nhar l-Għid il-Kbir l-istatwa ta' Marija Annunzjata kienet tinħareġ min-niċċa. Il-Ħamis ta' qabel, Hamis ix-Xirka, kien jintrama s-Sepulkru li kien jimla l-prospettiva ta' quddiem l-artal tar-Rużarju. Sibt il-Għid ried jiżżarma kollu u jinġarr. Għamel żmien joħduh fejn joqgħod Charlie Dingli, u wara fejn kienet toqgħod Karmni in-Najxa, fir-rokna tal-pjazza.

Is-Sibt, wara l-Glorja, li kienet tindaqq għal xid-disgħa ta' filgħodu, kien jitneħħa l-għata vjola mill-kwadri tal-artali u s-slaleb. Kienu wkoll jinkixfu t-twieqi u l-Knisja terġa' tieħu d-dawl.

Għall-armar tal-festa kellhom programm ta' kull sena. Is-Sibt kien jibda jintrama d-damask u l-Ħadd toħroġ l-istatwa min-niċċa; għalhekk qabel riedu joħorġu l-bankun.

It-Tnejn kienu jneħħu l-gandlieri ta' kuljum u joħorġu dawk tal-festa, kollha mgħottija bl-investi. It-Tlieta jżarmaw it-tużell ta' kuljum u jarmaw dak tal-festa. L-artal maġġur jarmawh bil-gandlieri tat-Tridu tal-qara' aħmar, għax fin-nofs għandhom dawra tonda bil-flieli tixbah lill-qargħa ħamra. L-Erbgħa kienu jpoġġu t-tapiti, il-Via Sagra u l-ventartali mgħottija. Filgħaxija jibda t-Tridu. Kienu joħorġu s-siġġijiet tas-sogħda mill-Knisja, kollha barra fuq iz-zuntier. Min ikun dieħel il-Knisja jħallas sold u jieħu siġġu. Kienu jiġu nies qabel jieħdu s-siġġijiet, idaħħluhom fil-Knisja u jorbtuhom bl-imkatar biex ikollhom post. Il-knisja kienet tkun mimlija kollha, anke kultant sa nofs iz-zuntier. Il-mużika kienet immexxija mis-Surmast Pawlu Nani. Kien jiġbor għat-Tridu Ġużeppi Sammut il-Keti, li kien jieħu b'offerta l-ġbir tas-siġġijiet tal-Knisja.

Il-Ħamis kienu jinkixfu l-gandlieri u jarmaw ix-xema' tal-kunsum, li d-delettanti Balzanin kienu kburin bih. Xema' li kien jimla l-gandlieri, il-fjuretti u trieħi bil-qtar u ruttam. Meta ġie l-Kappillan, Dun Ġużepp Minuti ried li l-gandlieri, il-fjuretti u l-ventartali joħorġu mikxufin mill-ewwel, u kien biddel ix-xema' minn tal-kunsum għal tal-molla. Kienet kontroversja kbira, għax grupp ta' rġiel dilettanti tal-Knisja kienu jidħlu fis-sagristija jkellmu lill-Kappillan wara l-quddiesa kantata tal-Ħadd, meta xi ħaġa ma togħġobhomx.

Il-Ġimgħa, il-lampieri, standardi u lanterni kienu jitlestew għall-purċissjoni, u l-fjuretti jitqiegħdu fuq l-artai. Kien jiġi l-Konti Manduca jpoġġihom f'posthom f'nofs il-gandlieri. Is-Sibt kienu jarmaw l-artal maġġur u l-gradenzini.

Filgħaxija, lejlet il-festa wara t-traslazzjoni, kulħadd kien jistenna l-Laudate, salm waqt l-Għasar li kien jitkanta mit-tfal minn Ħal Balzan flimkien mal-orkestra u t-tenuri. L-orkestra kienet tkun fuq l-Orgni l-Kbir. Il-Laudate konna nitgħallmuha għand ta' Gouder fi Triq it-Tliet Knejjes. Konna wkoll immorru nkantaw fil-festi fejn kienet tmur iddoqq l-orkestra ta' Nani.

Meta għamilt il-priedka tal-Milied fl-1950, fil-parti ta' isfel tal-korsija kien qiegħed jitpoġġa l-irħam. Dan kien qajjem kontroversja sħiħa. L-ewwel fuq id-disinn, u meta ma kienx hemm qbil il-Kurja approvat id-disinn li hemm illum. Kontroversja oħra kienet fuq it-tnax-il lapida li s-sidien tal-oqbra kienu rebħu l-kawża biex jibqgħu fil-Knisja. Illum tmienja minnhom qegħdin fil-Kappelluni u l-erbgħa oħra qegħdin bejn in-niċeċ tal-Lunzjata u tar-Rużarju. L-ewwel kien hemm idea li l-erbgħa lapidi tal-korsija jitpoġġew waħda waħda quddiem kull artal tal-korsija, biex fil-festa jitgħattew bit-tapiti, imma mbagħad ġew ingaljati fil-ħajt bejn in-niċeċ. Dan ix-xogħol kien ta' strapazz kbir minħabba l-passaġġ dejjaq li hemm bejn in-niċeċ. Waħda mill-lapidi ta' Ġużeppi Frendo, waqt li kienet tielgħa, ħarġet mill-ħabel, waqgħet u nqasmet biċċa minnha minn fuq. Imma ma weġġa' ħadd. Kont abbati u żammejt is-sasla waqt it-tberik tal-irħam, li sar minn Mons. F. S. Zahra fl-1 ta' Diċembru 1951.

Iz-zuntier ifakkarni meta ġiet il-qanpiena l-kbira. Niftakar meta dawru l-qniepen fil-kampnar; għamlu x-xogħol Mikiel is-sagristan, il-Keti, Karmnu u Karlu Zarb tal-Lakku, u Mikiel Micallef il-Boqboq. L-idea kienet ta' Mikiel il-Boqboq li kien fiehem lill-Kappillan Zahra kif se jitpoġġew il-qniepen fil-kampnar, meta kien hemm post għal ħamsa iżda kien se jkun hemm sitta. Huwa ħareġ sitt soldi, għamel wieħed fin-nofs u u l-erba' mdawrin miegħu u wieħed taħt



tan-nofs u tal-ġenb. Fil-fatt hemm erbgħa fit-twieqi, il-kbira fin-nofs, u ż-żgħira f'pilastru li jgħaddi taħt il-kbira.

Il-qanpiena l-kbira ta' qabel kienu niżżluha isfel. Saħħew it-travi li kien hemm b'żewġ travi tal-ħadid ġol-kampnar, u fetħu t-tieqa tal-faċċata n-naħa ta' isfel għal wisa' tal-qan-piena l-ġdida. Fetħu u poġġew żewġ travi tal-ħadid taħt il-piramida ħdejn il-balavostri u rabtu ċ-*chain block* magħhom, biex il-qanpiena tkun tista' titla f'postha.

Meta waslet biex titla' fit-2 ta' Jannar 1949, lestew krejn mgħobbi bil-ġebel fejn illum hemm id-dawl taz-zuntier. Għamlu tarjola taħt il-balavostri ta' fuq u l-kampnar kellu ventijiet minn wara għal fuq is-sagristija. Isfel kien hemm żewġ travi, wieħed fil-bieb tal-Kurċifiss u l-ieħor minn taħt in-*notice board* għall-kampnar, fejn hemm l-istatwa ta' Dun Ġwann Zammit Hammet, imdaħħla fil-ħitan b'tarjola kbira marbuta mat-travi. Il-vent tal-*wire rope* oħxon kien marbut mal-qampiena, jgħaddi mit-tarjola ta' fuq għat-tarjola tat-travi, u jiġbed għad-dritt għall-krejn. Maż-żaqq tal-qanpiena rabtu ħbula biex il-qanpiena tinġibed 'il barra minħabba ċ-ċinta.

Damet fil-kampnar fuq tavlar tal-injam u sakemm tellgħuha f'postha damu sat-8.00pm. Daqqet għall-ewwel darb waqt it-Te Deum. Niftakar lil Dun Ġwann Galea jistenna jħares lejn il-kampnar biex jintona t-Te Deum fost il-ferħ tal-Balzanin. ❐